

Brussell, 28 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr, en)

10759/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0211(COD)**

---

---

**CLIMA 330**  
**ENV 683**  
**ENER 344**  
**TRANS 455**  
**AGRI 300**  
**COMPET 553**  
**ECOFIN 684**  
**CODEC 1038**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	10875/21 - COM(2021) 551 final
Suġġett:	Pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" - ETS Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni

---

## **DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA, L-ESTONJA U L-LATVJA dwar in-navigazzjoni fix-xitwa fl-ETS**

Il-Finlandja, l-Estonja u l-Latvja japprovaw l-estensjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport marittimu. Il-Finlandja, l-Estonja u l-Latvja jenfasizzaw li d-Direttiva għandha tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti fit-trasport marittimu u ma tiddiskriminax lill-Istati Membri abbażi tal-pożizzjoni ġeografika. F'dan ir-rigward, kwistjoni ewlenija matul in-negożjati kienet li jiġi żgurat li l-piż addizzjonali kkawżat mill-kundizzjonijiet tas-silġ jitqies sew fl-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Dan għandu jfisser l-aġġustament tal-obbligu li jiġu ċeduti l-kwoti tal-emissjonijiet tal-ETS kemm abbażi tal-istruttura tal-bastimenti kklassifikati għas-silġ kif ukoll tan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet tas-silġ.

Speċjalment f'dawk ir-reġjuni fejn il-kundizzjonijiet tas-silġ jipprevalu għall-itwal perjodi ta' żmien kull sena u matul ix-xtiewi ħorox, sehem kbir mill-piż ikkawżat min-navigazzjoni fix-xitwa huwa kkawżat min-navigazzjoni f'kundizzjonijiet tas-silġ.

Il-kundizzjonijiet tas-silġ fil-partijiet tat-Tramuntana tal-Unjoni u l-ħtieġa li dawn jiġu akkomodati b'mod ġust ser jippersistu wkoll fis-snin u d-deċennji li ġejjin. Għaldaqstant, insostnu li mhux biżżejjed li fil-leġiżlazzjoni tal-UE jkunu previsti dispożizzjonijiet dwar il-kwistjoni b'mod temporanju. Bastimenti kklassifikati għas-silġ ser ikomplu jkunu neċessarji biex jiġu evitati inċidenti li jikkawżaw tixrid ta' żejt u kimiċi li jkunu partikolarment devastanti għall-ambjent tal-baħar tal-Baħar Baltiku, li ġie definit bħala Żona Speċjali taħt diversi Annessi tal-MARPOL u ddeżinjat bħala Żona tal-Baħar Partikolarment Sensittiva.

Għaldaqstant, il-Finlandja, l-Estonja u l-Latvja jenfasizzaw bil-qawwa l-ħtieġa li kemm in-navigazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-silġ kif ukoll il-karatteristiċi speċjali tal-bastimenti kklassifikati għas-silġ jitqiesu b'mod ġust fid-Direttiva. Barra minn hekk, il-Finlandja, l-Estonja u l-Latvja jenfasizzaw il-ħtieġa li dawn jitqiesu fid-Direttiva anki wara l-2030.